

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.6828 – Delta Air Lines/Virgin Group/Virgin Atlantic Limited)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 143/06)

1. Fil-15 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (⁽¹⁾) li permezz tagħha l-impriża Delta Air Lines, Inc ("Delta", l-Istati Uniti tal-Amerika) u l-impriża Virgin Group Holdings Limited ("Virgin Group", il-Gżejjer Verġni Brittaniċi) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll kongut tal-impriża Virgin Atlantic Limited ("VAL", ir-Renju Unit) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Delta hija kumpanija tal-ajru internazzjonali bil-kwartieri ġenerali tagħha fl-Istati Uniti tal-Amerika,
- Virgin Group hija l-kumpanija azzjonarja ta' grupp ta' kumpaniji attiva globalment ffirxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi, bħad-divertiment u t-trasport,
- VAL hija l-kumpanija azzjonarja indiretta ta' Virgin Atlantic Airways Limited, kumpanija tal-ajru internazzjonali bil-kwartieri ġenerali tagħha fir-Renju Unit, u Virgin Holidays Limited, li hija operatur tal-ivvjaġġar ibbażata fir-Renju Unit li tiprovd i u tiddistribwixxi pakketti ta' vaganz u prodotti anċillari.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6828 – Delta Air Lines/Virgin Group/Virgin Atlantic Limited, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet”).